# Il-Ħadd 06.12.2015

1. Illum, il-Ħadd 6/12:
   - Fejn il-bieb tal-knisja hemm min qed ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied (b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' S. Pawl).
   - Fis-2:00pm - Ser issir mixja ta' manifestazzjoni favur il-ħajja umana sa' mill-konċepiment fil-Belt Valletta organizzata mill-*LifeNetwork Malta*: tibda minn quddiem Kastilja sa' quddiem il-Parlament il-ġdid. Tindirizza l-folla mara li salvat mill-abort.
2. It-Tlieta 8/12, **Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Xieraq li nqaddsu dan il-jum bil-quddies, li jkun bħal nhar ta' xogħol.
   - Fid-9:30am - Ċerimonja tal-ftuħ tal-***Ġublew straordinarju tal-Ħniena*** msejjaħ mill-Papa Franġisku, fil-Bażilika ta' San Pietru, l-Vatikan.
   - Fil-5:30pm, quddiesa speċjali mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-Koppji li żżewġu matul is-sena 2015.
3. L-Erbgħa 9/12:
   - Mill-5:15pm sas-6:00pm jiltaqa' l-Kor 'Kreattiv' fil-knisja.
   - Mis-6:30pm sat-7:45pm ser issir Quddiesa u Mument ta' kant u talb stil Taizè fil-Knisja Parrokkjali, bħala mument speċjali għal dan iż-żmien tal-Avvent kif ukoll li jimmarka l-bidu tal-Ġublew tal-Ħniena. Kulħadd mistieden.
4. Il-Ħamis 10/12:
   - Fl-10:30am tiltaqa' il-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.
5. Il-Ġimgħa 11/12:
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
6. Is-Sibt 12/12:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja tal-Madonna tal-Ħniena, ż-Żejtun.
7. Il-Ħadd 13/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Fil-5:30pm, ċelebrazzjoni speċjali mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li tibda fil-Knisja ta' San Mark, ir-Rabat, u wara li ssir purċissjoni lejn il-Katidral tal-Imdina, jinfetaħ il-Bieb tal-Ħniena u ssir quddiesa fil-Katidral stess. Ta' min jieħu sehem. Min jixtieq jiġi jinkiteb fis-Sagristija.
8. Il-Ħamis 17/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers matul din il-ġimgħa.
9. Avviżi oħra:
   - Matul dan ix-xahar diversi ħwienet tal-ikel fir-raħal ser ikunu qed jgħinnu f'inizjattiva ta' karità, issa li bdejna l-Ġublew tal-Ħniena, biex ngħinu lill-persuni fil-bżonn, li anke fi żmienna huma preżenti. Ser ikollhom kaxxi fejn wieħed jista' jħalli xi affarijiet tal-ikel waqt li wieħed jagħmel ix-xirja ħalli verament *nitimgħu lil min hu bil-ġuħ*.
   - Infakkar fil-Fuljett tal-Appostolat ta' Talb li fih l-intenzjonijiet tal-Papa u tal-Isqfijiet tagħna għas-sena 2016. Tistgħu tiġbruhom mis-Sagristija.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 40 b'risq is-siġġijiet il-ġodda taċ-ċimiterju.
    - € 40 b'risq il-manutenzjoni tal-knisja. Grazzi.